



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15139/23

LIMITE

CORLX 1012
CFSP/PESC 1495
COAFR 396
CONUN 278
COARM 289
FIN 1131

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	20 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument HR(2023) 259.

Mehmuż: HR(2023) 259

HR(2023) 259

Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill

tas-17/11/2023

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-
Kongo**

HR(2023) 259

Limited

HR(2023) 259

Limited

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' [jj/xx/2023]

li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK

dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK ⁽¹⁾ dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK).
- (2) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231² b'reazzjoni għat-tfixkil tal-proċess elettorali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem marbut miegħu fir-RDK. Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/2231 emendat id-Deċiżjoni 2010/788/PESK u introduċiet miżuri restrittivi awtonomi fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- (3) Abbażi ta' rieżami tal-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2010/788/PESK, u b'kont meħud taċ-ċirkostanzi rilevanti u fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, daww il-miżuri għandhom jiġġeddu sat-12 ta' Diċembru 2024.
- (4) Jenħtieġ li jiġu emendati d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet fir-rigward ta' ċerti persuni elenkati fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/788/PESK.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 9, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

¹ ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.

² ĠU L 336I, 12.12.2016, p. 7.

"2. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3(2) għandhom japplikaw sat-12 ta' Diċembru 2024. Huma għandhom jiġġeddu, jew jiġu emendati kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħhom ma jkunux intlaħqu.";

(2) L-Anness II huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

HR(2023) 259
Limited

ANNEX

"ANNEX II

LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 3(2)

A. Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
1.	Ilunga KAMPETE	magħruf ukoll bħala Gaston Hughes Ilunga Kampete; Hugues Raston Ilunga Kampete Data tat-twelid: 24.11.1964 Post tat-twelid: Lubumbashi, DRC Nazzjonalità: RDK Numru tal-karta tal-identità militari: 1-64-86-22311-29 Indirizz: 69, avenue Nyangwile, Kinsuka Mimosas, Kinshasa/Ngaliema, DRC Sess: Raġel	Bħala Kmandant tal-Gwardja Repubblikana (GR) sa April 2020, Ilunga Kampete kien responsabbli għall-unitajiet tal-GR skjerati fuq l-art u involuti fl-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa. Huwa kien ukoll responsabbli għar-repressjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn aġenti tal-GR, bħar-repressjoni vjolenti ta' manifestazzjoni tal-oppożizzjoni f'Lubumbashi f'Diċembru 2018. Minn Lulju 2020, huwa suldat ta' livell għoli, bħala Logutenent Ġenerali fil-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) u Kmandant tal-bażi militari ta' Kitona fil-provinċja ta' Kongo Central. Skont il-funzjonijiet tiegħu huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Ilunga Kampete kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
2.	Gabriel Amisi KUMBA	magħruf ukoll bħala Gabriel Amisi Nkumba; 'Tango Fort'; 'Tango Four' Data tat-twelid: 28.5.1964	Eks Kmandant tal-ewwel żona tad-difiża tal-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) li ħadu sehem fl-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa. Gabriel Amisi Kumba kien Viċi Kap tal-	12.12.2016

HR(2023) 259
Limited

		Post tat-twelid: Malela, DRC Nazzjonalità: RDK Numru tal-karta tal-identità militari: 1-64-87-77512-30 Indirizz: 22, avenue Mbenseke, Ma Campagne, Kinshasa/Ngaliema DRC Sess: Raġel	Persunal tal-FARDC inkarigat mill-operazzjonijiet u l-intelligence minn Lulju 2018 sa Lulju 2020. Minn dak iż-żmien, huwa eżerċita l-funzjonijiet ta' Spettur Ġenerali tal-FARDC. Minħabba l-funzjonijiet għolja tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Gabriel Amisi Kumba kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	
3.	Célestin KANYAMA	magħruf ukoll bħala Kanyama Tshisiku Celestin; Kanyama Celestin Cishiku Antoine; Kanyama Cishiku Bilolo Célestin; 'Esprit de mort' Data tat-twelid: 4.10.1960 Post tat-twelid: Kananga, DRC Nazzjonalità: RDK Numru tal-passaport tar-RDK: OB0637580 (validu mill-20.5.2014 sad-19.5.2019) Viża ta' Schengen bin-numru 011518403, maħruġa fit-2.7.2016 Indirizz: 56, avenue Usika, Kinshasa/Gombe, DRC Sess: Raġel	Bħala Kummissarju tal-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC), Célestin Kanyama kien responsabbli għall-użu sproporzjonat ta' forza u repressjoni vjolenti f'Settembru 2016 f'Kinshasa. Célestin Kanyama kien Direttur Ġenerali tal-iskejjel ta' taħriġ tal-PNC minn Lulju 2017 sa April 2023. F'Ottubru 2018, uffiċjali tal-pulizija intimidaw u ċaħħdu lill-ġurnalisti mil-libertà wara l-pubblikazzjoni ta' sensiela ta' artikli dwar il-miżapproprijazzjoni tar-razzjonijiet tal-kadetti tal-pulizija u r-rwol li Célestin Kanyama kellu f'dawn l-avvenimenti. Célestin Kanyama jibqa' uffiċjal għoli tal-pulizija u għadu fuq xogħol attiv. Minħabba r-rwol tiegħu bħala uffiċjal anzjan tal-PNC, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-PNC. Għalhekk, Célestin Kanyama kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	12.12.2016
4.	John NUMBI	magħruf ukoll bħala	John Numbi kien l-Ispettur Ġenerali tal-	12.12.2016

HR(2023) 259
Limited

		John Numbi Banza Tambo; John Numbi Banza Ntambo; Tambo Numbi Data tat-twelid: 16.8.1962 Post tat-twelid: Jadotville-Likasi-Kolwezi, DRC Nazzjonalità: RDK Indirizz: 5, avenue Oranger, Kinshasa/Gombe, DRC Sess: Raġel	Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) minn Lulju 2018 sa Lulju 2020. Minħabba r-rwol tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC bejn Lulju 2018 u Lulju 2020, bħal vjolenza sproporzjonata kontra minaturi illegali minn Ġunju sa Lulju 2019 minn truppi tal-FARDC taħt l-awtorità diretta tiegħu. Għalhekk, John Numbi kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twertiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Sal-bidu tal-2021, John Numbi kellu pożizzjoni ta' influwenza fl-FARDC, speċjalment f'Katanga, fejn ġie rrapportat ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. John Numbi huwa involut f'attivitajiet destabilizzanti fir-RDK, immirati b'mod partikolari lejn is-seċessjoni tal-provinċja ta' Katanga. John Numbi għalhekk għadu theddida għas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK u huwa responsabbli għas-sostenn tal-instabbiltà fil-pajjiż, speċjalment f'Katanga.	
5.	Evariste BOSHAB	magħruf ukoll bħala Evariste Boshab Mabub Ma Bileng Data tat-twelid: 12.1.1956 Post tat-twelid: Tete Kalamba, DRC Nazzjonalità: RDK Numru tal-passaport diplomatiku: DP0000003 (validu mill-21.12.2015 sal-20.12.2020) Il-viża ta' Schengen	Fil-kapaċità tiegħu ta' Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Intern u s-Sigurtà minn Diċembru 2014 sa Diċembru 2016, Evariste Boshab kien uffiċjalment responsabbli għall-pulizija u s-servizzi ta' sigurtà u għall-koordinazzjoni tal-ħidma tal-gvernaturi provinċjali. F'din il-kapaċità, huwa kien responsabbli għall-arrest ta' attivisti u ta' membri tal-oppożizzjoni, kif ukoll għall-użu sproporzjonat tal-forza, inkluż bejn Settembru 2016 u Diċembru 2016 b'reazzjoni għad-dimostrazzjonijiet f'Kinshasa, li wassal biex għadd kbir ta' ċivili nqatlu jew indarbu mis-servizzi ta' sigurtà. Għalhekk, Evariste Boshab kien involut	29.5.2017

HR(2023) 259

Limited

		skadiet fil-5.1.2017 Indirizz: 3, avenue du Rail, Kinshasa/Gombe, DRC Sess: Raġel	fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twertiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Evariste Boshab kellu wkoll rwol fl-isfruttament u fl-aggravament tal-kriżi fir-reġjun ta' Kasai, fejn huwa għandu pożizzjoni ta' influwenza, b'mod partikolari minn mindu sar is-Senatur ta' Kasai f'Marzu 2019.	
6.	Alex Kande MUPOMPA	magħruf ukoll bħala Alexandre Kande Mupomba; Kande-Mupompa Data tat-twelid: 23.9.1950 Post tat-twelid: Kananga, DRC Nazzjonalità: RDK u Belġjana Numru tal-passaport tar-RDK: PO0024910 (validu mill-21.3.2016 sal-20.3.2021) Indirizzi: Messidorlaan 217/25, 1180 Uccle, Belgium 1, avenue Bumba, Kinshasa/Ngaliema, DRC Sess: Raġel	Bħala Gvernatur ta' Kasai Central sa Ottubru 2017, Alex Kande Mupompa kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza, repressjoni vjolenti għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tas-sigurtà u l-Pulizija Nazzjonali Kongoliża (PNC) f'Kasai Central minn Awwissu 2016, inkluż qtil fit-territorju ta' Dibaya fi Frar 2017. Għalhekk, Alex Kande Mupompa kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twertiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Alex Kande Mupompa kellu wkoll rwol fl-isfruttament u l-aggravament tal-kriżi fir-reġjun ta' Kasai, reġjun li kien rappreżentant tiegħu sa Ottubru 2019 u li fih huwa għandu pożizzjoni ta' influwenza permezz tal-Congrès des alliés pour l'action au Congo (CAAC), li huwa parti mill-gvern provinċjali ta' Kasai.	29.5.2017
7.	Éric RUHORIMBERE	magħruf ukoll bħala Eric Ruhorimbere Ruhanga; 'Tango Two'; 'Tango Deux' Data tat-twelid: 16.7.1969 Post tat-twelid: Minembwe, DRC	Bħala Viċi Kmandant tal-21 reġjun militari minn Settembru 2014 sa Lulju 2018, Éric Ruhorimbere kien responsabbli għall-użu sproporzjonat tal-forza u għal każijiet ta' qtil extraġudizzjarju mwettqa mill-forzi tal-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC), b'mod partikolari kontra l-milizzja Nsapu u kontra nisa u tfal. Éric Ruhorimbere kien il-Kmandant tas-	29.5.2017

HR(2023) 259
Limited

		Nazzjonalità: RDK Numru tal-karta tal-identità militari: 1-69-09-51400-64 Numru tal-passaport tar-RDK: OB0814241 Indirizz: Mbujimayi, Provinċja ta' Kasai, DRC Sess: Raġel	settur operazzjonali ta' Nord Equateur minn Lulju 2018 sa Ottubru 2022. Huwa għad-dispożizzjoni tal-Persunal Ġenerali tal-FARDC u għadu fuq xogħol attiv. Minħabba r-rwol tiegħu fil-FARDC, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Għalhekk, Éric Ruhorimbere kien involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	
10.	Ruvugayimikore PROTOGÈNE	magħruf ukoll bħala Ruhinda; Gaby Ruhinda; Zorro Midende Data tat-twelid: 1968 jew 1969 Sess: Raġel Funzjoni jew professjoni: Mexxej tal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda - Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR-FOCA); Mexxej tal-grupp Maccabé (li qabel kien Commando de recherche et d'action en profondeur (CRAP)) tal-FDLR-FOCA	Ruvugayimikore Protogène huwa mexxej tal-Forzi Demokratiċi għal-Liberazzjoni tar-Rwanda - Forces Combattantes Abacunguzi (FDLR-FOCA), grupp armat nongovernattiv li jopera fil-parti tal-Lvant tar-RDK. Huwa jmexxi, b'mod partikolari, il-grupp Maccabé (li qabel kien magħruf bħala l-Commando de recherche et d'action en profondeur (CRAP)) tal-FDLRFOCA. L-FDLR-FOCA, inkluż il-grupp Maccabé, jikkontribwixxi għall-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz ta' vjolenza u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attakki fuq persuni ċivili, qtil, vjolenza kontra t-tfal, stupri u atti oħra ta' vjolenza sesswali. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-FDLR-FOCA, Ruvugayimikore Protogène kien għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	8.12.2022
11.	Meddie NKALUBO	magħruf ukoll bħala Mohammed Ali Nkalubo; Abul Jihad; Punny Boy	Meddie Nkalubo huwa mexxej għoli tal-Forzi Demokratiċi Alleati (ADF), grupp armat mhux governattiv li jopera fl-Uganda, fir-Rwanda u fil-parti tal-Lvant	8.12.2022

HR(2023) 259

Limited

		Data tat-twelid: 1987, 1991, 1992 jew 1993 Nazzjonalità: Ugandiż Sess: Raġel Funzjoni jew professjoni: Mexxej għoli tal-Forzi Demokratiċi Alleati	tar-RDK. Huwa ġie identifikat bħala persuna b'diversi responsabbiltajiet fl-ADF, fosthom il-komunikazzjoni u l-propaganda, ir-reklutaġġ, il-fabbrikazzjoni ta' armi, u relazzjonijiet mill-qrib mal-ISIL (Da'esh). Meddie Nkalubo ġie identifikat wkoll bħala l-figura ewlenija inkarigata mill-operazzjonijiet esterni tal-ADF, bil-kompitu li jorganizza u jissorvelja l-finanzjament estern tagħhom u li jikkoordina l-fluss tal-fondi tal-ISIL (Da'esh) lejn l-ADF. L-ADF jikkontribwixxu għall-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK (b'mod partikolari fil-provinċji ta' Ituri u ta' Kivu tat-Tramuntana), partikularment permezz ta' vjolenza u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attakki kontra persuni ċivili, qtil u ħtif. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija għolja tiegħu u d-diversi responsabbiltajiet tiegħu fl-ADF, Meddie Nkaluba huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	
12.	Justin BITAKWIRA	magħruf ukoll bħala Bihona-Hayi Data tat-twelid: 5.12.1960 Post tat-twelid: Lemera, DRC Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel Funzjoni jew professjoni: Politiku, eks Ministru Nazzjonali u President	Justin Bitakwira huwa politiku Kongoliż, eks Ministru tal-gvern u membru tal-partit politiku "Unjoni għan-Nazzjon Kongoliż". Fid-diskorsi pubbliċi tiegħu, huwa ripetutament inċita l-vjolenza u ħeġġeġ id-diskriminazzjoni u l-ostilità lejn il-komunità ta' Banyamulenge, li sfat fil-mira u ġiet attakkata minn gruppi armati. Dawk id-diskorsi u n-narrattivi xewwiexa jikkontribwixxu biex jalimentaw il-konflitt u l-vjolenza fir-RDK, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Hauts-Plateaux ikkaratterizzat minn	8.12.2022

HR(2023) 259
Limited

		tal-Alleanza għar- Repubblika u l- Kuxjenza Nazzjonali	konflitti interkomunali. Għalhekk Justin Bitakwira huwa responsabbli għas-sostenn tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK permenzz tal-inċitament għall-vjolenza.	
13.	Joseph Nganzo Olikwa TIPI	magħruf ukoll bħala: Colonel Tipi Ziro Ziro, Joseph Ngadjole, Joseph Nganzole Olikwa Data tat-twelid: 10.11.1977 Post tat-twelid: Bunia Fataki, RDK Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel Grad: Kurunell tal- FARDC Pożizzjoni: Viċi Kmandant tat-12-il Brigata ta' Reazzjoni Rapida f'Minembwe, eks Kmandant tat- 312-il battaljun tal-31 Brigata tad-Difiża Ewlenija Karta tal-identità militari: 1-77-96- 32692-76	Joseph Nganzo Olikwa Tipi kien il-Kmandant tat-312-il battaljun tal-31 Brigata tad-Difiża Ewlenija tal-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (FARDC) sa Jannar 2022. Il-forzi tat-312-il battaljun taħt il-kmand u r-responsabbiltà tiegħu wettqu attakki fuq persuni ċivili u ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari stupri ta' nisa bejn Ġunju u Diċembru 2021. Joseph Nganzo Olikwa Tipi għadu uffiċjal għoli fil-FARDC, bħala Kurunell u Viċi Kmandant tat-12-il Brigata ta' Reazzjoni Rapida f'Minembwe (Kivu t'Isfel). Minħabba l-funzjonijiet tiegħu, huwa responsabbli għall-ksur reċenti tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-FARDC. Joseph Nganzo Olikwa Tipi huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-tweqqif ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK.	8.12.2022
14.	Désiré LONDROMA NDJUKPA	magħruf ukoll bħala: Désiré Lokana Lokanza Sess: Raġel Funzjoni jew professjoni: Uffiċjal tad-Difiża fil- CODECO URDPC ("inkarigat mid-	Désiré Londroma Ndjukpa huwa mexxej tal-Kooperattiva għall-Iżvilupp tal-Kongo/Unjoni ta' Rivoluzzjonarji għad-Difiża tal-Poplu Kongoliż (CODECO URDPC), identifikat bħala l-uffiċjal tad-difiża ('charge of defence') tiegħu u komexxej tal-fergħa politika tiegħu. Il-CODECO URDPC huwa grupp armat mhux governattiv li jopera fil-parti tal-Lvant tar-RDK u li qed jikkontribwixxi	8.12.2022

HR(2023) 259

Limited

		difiża")	għall-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz tal-vjolenza u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil, vjolenza sesswali u attakki fuq persuni ċivili bħal attakki fuq il-kampijiet ta' persuni spustati internament, bejn nofs Novembru 2021 u Frar 2022, li b'mod partikolari kellhom fil-mira l-komunità Hema. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija fil-CODECO URDPC, Londroma Ndjukpa huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni, jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	
15.	Willy NGOMA	magħruf ukoll bħala: Major Willy NGOMA Sess: Raġel Funzjoni jew professjoni: Kelliem għall-Moviment tat-23 ta' Marzu / Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC)	Willy Ngoma għandu l-pożizzjoni ewlenija ta' kelliem għall-Moviment tat-23 ta' Marzu/Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-parti tal-Lvant tar-RDK. L-M23/ARC jikkontribwixxi għall-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz ta' vjolenza u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż qtil, attakki u vjolenza sesswali kontra persuni ċivili. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23/ARC, Willy Ngoma huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	8.12.2022
16.	William YAKUTUMBA	Data tat-twelid: 1970 Post tat-twelid: Lunbondia, South-	William Yakutumba huwa s-Segretarju Ġenerali u Kmandant tal-Coalition Nationale du Peuple pour la Souveraineté du Congo (CNPSC), koalizzjoni tal-hekk	8.12.2022

HR(2023) 259
Limited

		Kivu, DRC Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel Funzjoni jew professjoni: mexxej tal-Coalition Nationale du Peuple pour la Souveraineté du Congo (CNPSC); fundatur u mexxej tal-milizzja Mai-Mai Yakutumba	imsejħa milizzji Mai-Mai fil-provinċja ta' Kivu t'Isfel tar-RDK. Huwa l-fundatur u l-mexxej ta' waħda mill-akbar milizzji ta' dik il-koalizzjoni, il-Mai-Mai Yakutumba. Il-Mai-Mai Yakutumba tikkontribwixxi għall-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari permezz ta' vjolenza u abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż massakri ta' popolazzjonijiet ta' villaġġi, attakki fuq persuni ċivili, stupri u atti oħra ta' vjolenza sesswali. Il-Mai-Mai Yakutumba tikkontrolla wkoll il-minjieri tad-deheb fil-parti tal-Lvant tar-RDK, flimkien mal-membri tas-CNPSC li jikkontrollaw ir-rotot tal-minjieri. Huma japprofittaw ruħhom mill-isfruttament illeċitu tad-deheb u mill-kummerċ tiegħu. Il-Mai-Mai Yakutumba tuża l-profitti li taqla' minn dak il-kummerċ biex tiffinanzja l-attivitajiet armati tagħha. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fis-CNPSC u fil-milizzja Mai-Mai Yakutumba, William Yakutumba huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn u l-isfruttament tal-konflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, inkluż permezz tal-isfruttament jew il-kummerċ illeċitu ta' riżorsi naturali.	
17.	Alain François Viviane GOETZ	Data tat-twelid: 24.4.1965 Post tat-twelid: Deurne, Antwerp, Belgium Nazzjonalità: Belġjan Sess: Raġel	Alain Goetz huwa negozjant, li huwa l-eks sid benefiċjarju u l-eks direttur ta' African Gold Refinery Ltd., reġistrata fl-Uganda. Għadu marbut mal-African Gold Refinery Ltd bħala konsulent u promotur. Sa mill-2016, African Gold Refinery Limited irċeviet, xtrat, irfinat u kkummerċjalizzat deheb illeċitu li	8.12.2022

HR(2023) 259

Limited

			joriġina minn minjieri fir-RDK li huma kkontrollati minn gruppi armati mhux governattivi, inkluż Mai-Mai Yakutumba u Raia Mutomboki, li huma involuti fattivitajiet destabbilizzanti fil-provinċja ta' Kivu t'Isfel. Alain Goetz għad għandu wkoll interessi relatati mad-deheb fir-reġjun permezz tal-kumpanija Aldabra, li huwa jikkontrolla. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, Alain Goetz qed jisfrutta l-konflitt armat, l-instabbiltà u l-insigurtà fir-RDK permezz tal-isfruttament u l-kummerċ illeċiti tar-riżorsi naturali.	
18.	Bernard Maheshe BYAMUNGU	magħruf ukoll bħala Tiger One Funzjoni/grad: Brigadier-General fl-M23/ARC, Viċi Kmandant tal-operazzjonijiet Data tat-twelid: 10.10.1974 Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel	Bernard Byamungu għandu pożizzjoni ewlenija fil-fergħa militari tal-Mouvement du 23 mars (M23)/Armée révolutionnaire Congolaise (ARC) bħala Brigadier-General u Deputat Kmandant tal-operazzjonijiet ta' dan il-grupp armat mhux governattiv li jopera fir-RDK tal-Lvant. L-M23/ARC isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz ta' attacchi kontra persuni ċivili u l-forzi armati Kongoliżi (FARDC), qtil, tortura, stupri u xogħol furzat, bħas-sensiela ta' qtil immirat lejn persuni ċivili fil-belt ta' Kisheshe fid-29 ta' Novembru 2022. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-M23/ARC, Bernard Byamungu huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-tweqqif ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	28.7.2023

HR(2023) 259

Limited

19.	Michel RUKUNDA	magħruf ukoll bħala Makanika Funzjoni/grad: Kmandant u Mexxej militari tal-grupp armat Twirwaneho f'Kivu tan-Nofsinhar Data tat-twelid: 12.9.1974 Post tat-twelid: Minembwe, South-Kivu, DRC Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel	Michel Rukunda huwa eks Kurunell tal-forzi armati Kongoliżi (FARDC) u l-Kmandant u l-Mexxej militari tal-grupp armat mhux governattiv Twirwaneho li jopera f'Kivu tan-Nofsinhar, li jiddikjara li jirrappreżenta l-Komunità ta' Banyamulenge. Twirwaneho jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz tar-reklutaġġ volontarju jew furzat tat-tfal biex jipparteċipaw b'mod attiv f'ostrilitajiet, attakki kontra persuni ċivili u l-forzi armati Kongoliżi (FARDC), u qtil, bħall-attakki kontra persuni ċivili fir-raħal ta' Mikenge f'Novembru 2021 li qatlu mill-inqas sitt persuni. Barra minn hekk, Michel Rukunda kien involut direttament fit-taħriġ militari ta' rekluti u fl-użu ta' tfal, inkluż bħala skorti armati. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fi Twirwaneho u l-involvement dirett tiegħu fit-taħriġ u l-użu tat-tfal, Michel Rukunda huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	28.7.2023
20.	Charles SEMATAMA	magħruf ukoll bħala Sebanjana Funzjoni/grad: Kmandant, Viċi mexxej militari ta' Twirwaneho Data tat-twelid: 1975 Post tat-twelid: Kalunyo village, around Kamombo	Charles Sematama huwa eks uffiċjal tal-forzi armati Kongoliżi (FARDC) u għandu l-kariga ewlenija ta' Kmandant u Viċi Mexxej Militari tal-grupp armat mhux governattiv Twirwaneho li jopera f'Kivu tan-Nofsinhar, li jgħid li jirrappreżenta l-Komunità ta' Banyamulenge. Twirwaneho jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK u huwa responsabbli għal abbużi	28.7.2023

HR(2023) 259
Limited

		localities, South Kivu, DRC Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel	serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz tar-reklutaġġ volontarju jew furzat tat-tfal biex jipparteċipaw b'mod attiv f'oštilitajiet, attakki kontra persuni ċivili u l-forzi armati Kongoliżi (FARDC), u qtil, bħall-attakki kontra persuni ċivili fir-raħal ta' Mikenge f'Novembru 2021 li qatlu mill-inqas sitt persuni. Barra minn hekk, Charles Sematama kien involut direttament f'sessjonijiet ta' propaganda kif ukoll fir-reklutaġġ furzat u l-użu ta' tfal, inkluż bħala skorti armati. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fi Twirwaneho u l-involviment dirett fir-reklutaġġ furzat u l-użu ta' tfal, Charles Sematama huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twetiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	
21.	Ahmad Mahmood HASSAN	magħruf ukoll bħala Ahmad Mahmood Hassan, Ahmad Mahmoud Hassan, Jundi, Abwakasi, Abuwakas, Murabu, Marabou, jew Mwarabu Funzjoni/grad: Kap anzjan tal-ADF. Data tat-twelid: Bejn wiehied u ieħor fl-1993 Nazzjonalità: Tanzani Sess: Raġel	Ahmad Mahmood Hassan huwa mexxej ewlieni tal-Forzi Demokratiċi Alleati (ADF), grupp armat mhux governattiv li jopera fl-Uganda u fil-Lvant tar-RDK. Ġie identifikat bħala persuna b'responsabbiltajiet ewlenin fl-ADF, fosthom il-kmand ta' kamp, it-taħriġ ta' rekluti, il-produzzjoni ta' bombi, il-komunikazzjoni online u relazzjonijiet mill-qrib mal-ISIL (Da'esh). L-ADF isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas sigurtà fir-RDK (partikolarment fil-provinċji ta' Ituri u Kivu tat-Tramuntana) u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari minħabba attakki kontra persuni ċivili, qtil u ħtif, bħall-attakki f'Marzu 2023 fit-territorju tan-Nofsinhar u tax-Xlokk ta' Beni li qatlu aktar minn 80 persuna ċivili u ħatfu aktar	28.7.2023

HR(2023) 259

Limited

			minn 20 oħra. Barra minn hekk, Ahmad Mahmood Hassan kien involut direttament fl-ippjanar u t-twettiq tal-attakki tal-ADF, inkluż bumbardament fil-belt żgħira ta' Kasindi (it-territorju ta' Beni) fil-15 ta' Jannar 2023 u attakk bil-bombi f'Goma fis-7 ta' April 2022 li qatel sitt persuni u darab sittax oħrajn. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija għolja tiegħu fl-ADF u l-involviment dirett tiegħu fl-ippjanar u t-twettiq ta' attakki tal-ADF, Ahmad Mahmood Hassan huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	
22.	Janvier Karairi ("Karahiri") BUINGO	Funzjoni/grad: Ġeneral, kap tal-APCLS Data tat-twelid: Bejn wiehied u ieħor fl-1962 Nazzjonalità: Maħsub li Kongoliż (RDK) Sess: Raġel	Janvier Karairi għandu l-kariga ewlenija ta' Ġeneral u kap tal-Alliance des patriotes pour un Congo libre et souverain (APCLS), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Grigal tar-RDK u involut fil-koalizzjoni ta' gruppi armati "Alliance des résistants de la patrie" (ARP) kontra l-Mouvement du 23 mars (M23)/Armée révolutionnaire Congolaise (ARC). L-APCLS isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz tal-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet tal-koalizzjoni ta' gruppi armati tal-ARP, bħal f'Kitshanga u Rubaya f'Jannar u fl-aħħar parti ta' Frar 2023, qtil ta' persuni ċivili u attakki kontribom, partikolarment kontra Tutsi Kongoliżi, u ksur serju mwettaq kontra tfal bħal stupri u forom oħra ta' vjolenza sesswali u ħtif. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-APCLS, Janvier Karairi huwa	28.7.2023

HR(2023) 259

Limited

			għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-tweqqi ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	
23.	Justin Maki GESI	magħruf ukoll bħala Le petit loup de la montagne Funzjoni/grad: Kmandant tal-CODECO/Alliance pour le Développement du Congo (CODECO/ALC). Data tat-twelid: Mhux magħrufa Nazzjonalità: Maħsub li Kongoliż (RDK) Sess: Raġel	Justin Maki Gesi għandu kariga ewlenija bħala Kmandant tal-ALC/CODECO, grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Grigal tar-RDK (speċjalment Ituri). L-ALC/CODECO jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari bl-użu ta' tfal bħala ġellieda, ħtif, qtil ta' u attakki kontra persuni ċivili, bħall-attakk fuq l-irħula ta' Nyamamba u Mbogi fit-13 ta' Jannar 2023 li warajh instabu aktar minn 40 vittima. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fil-CODECO/ALC, Justin Maki Gesi huwa għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-tweqqi ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	28.7.2023
24.	Apollinaire HAKIZIMANA	magħruf ukoll bħala le poète, Adonia Funzjoni/grad: Logutenent Ġeneral fl-FDLR/Kummissarju tad-Difiża Data tat-twelid: 1964 Nazzjonalità: Rwandiż Sess: Raġel	Apollinaire Hakizimana huwa mexxej militari tal-"Forces démocratiques de libération du Rwanda-Forces combattantes abacunguzi" (FDLR-FOCA), bħala Ġeneral u Kummissarju tad-Difiża ta' dan il-grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK. L-FDLR-FOCA jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz tar-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ġellieda, il-qtil ta' persuni ċivili, u ksur serju mwettaq	28.7.2023

HR(2023) 259
Limited

			kontra t-tfal bħal stupri u atti oħra ta' vjolenza sesswali u ħtif. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fl-FDLR-FOCA, Apollinaire Hakizimana hu għalhekk involut fl-ippjanar, id-direzzjoni jew it-twettiq ta' atti li jikkostitwixxu ksur jew abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fir-RDK. Huwa responsabbli wkoll għas-sostenn tal-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK.	
25.	Simon (Salomon) TOKOLONGA	Funzjoni/grad: Kurunell, kmandant tat-3411-il riġment tal-FARDC Data tat-twelid: 17.4.1972 Post tat-twelid: Kishandja (North Kivu) Nazzjonalità: RDK Sess: Raġel	Il-Kurunell Simon Tokolonga għandu kariga ewlenija fil-Forzi Armati Kongoliżi (FARDC) bħala l-kap tat-3411-il riġment tiegħu. Il-Kurunell Tokolonga attenda laqgħa f'Pinga fit-8 u d-9 ta' Mejju 2022 fejn gruppi armati lokali, bħall-Nduma défense du Congo-Rénové (NDC-R) u l-Alliance des patriotes pour un Congo libre et souverain (APCLS), għabru u ffurmaw koalizzjoni biex jirreżistu l-Mouvement du 23 mars (M23)/Armée révolutionnaire Congolaise (ARC) (koalizzjoni "Alliance des résistants de la patrie" - ARP). Il-preżenza tal-Kurunell Tokolonga żvelat il-kooperazzjoni ta' xi membri tal-FARDC ma' din il-koalizzjoni. Barra minn hekk, membri tat-3411-il riġment tal-FARDC ipprovdew armi u munizzjon lil gruppi armati li joperaw fir-RDK, inkluż il-forniment ta' aktar minn tnax-il kaxxa ta' munizzjon lill-għellieda tal-FDLR ("Forces démocratiques de libération du Rwanda") f'Kazaroho f'Lulju 2022. Huwa rappurtat li l-Kurunell Tokolonga kkoordinat diversi provvisti ta' armi lill-gruppi armati li joperaw kontra M23/ARC. Il-gruppi armati mhux governattivi parti mill-koalizzjoni ARP, inkluż l-NDC-R, APCLS u l-FDLR, isostnu l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà	28.7.2023

			fir-RDK, u huma responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz tar-reklutaġġ u t-taħriġ ta' ġellieda, parteċipazzjoni f'operazzjonijiet kontra M23/ARC, il-qtil ta' persuni ċivili u attacchi kontribom, u ksur serju mwettaq kontra tfal bħal stupri u atti oħra ta' vjolenza sesswali u ħtif. Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tiegħu fit-3411-il riġment tal-FARDC u r-rwol ta' koordinazzjoni tiegħu fil-provvisti tal-armi, Simon Tokolonga huwa għalhekk responsabbli biex jipprovdi appoġġ lil gruppi armati li jsostnu l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, inkluż billi jipprovdihom armi u munizzjon.	
26.	Jean Pierre NIRAGIRE	magħruf ukoll bħala Jean-Pierre Gasasira Funzjoni/grad: Kaptan. Kmandant tar-Rwandese Defence Forces (RDF) Special Forces Unit attiva f'Kivu tat-Tramuntana. Nazzjonalità: Rwandiż Sess: Raġel	Il-kaptan Jean-Pierre Niragire għandu l-kariga ewlenija ta' kmandant tal-forzi speċjali tal-Forzi tad-Difiża tar-Rwanda (RDF) stazzjonati fir-reġjun ta' Kivu tat-Tramuntana tar-RDK minn Mejju 2022 'il quddiem. L-oġġettiv tal-azzjonijiet militari tal-RDF fit-territorju tar-RDK kien li jirrinforza l-Moviment tat-23 ta' Marzu/l-Armata Rivoluzzjonarja Kongoliża (M23/ARC), grupp armat mhux governattiv li jopera fil-Lvant tar-RDK, b'mod partikolari billi jipprovdi truppi u materjal. L-M23/ARC isostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, u huwa responsabbli għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'dak il-pajjiż, b'mod partikolari permezz ta' attacchi kontra persuni ċivili u l-forzi armati Kongoliżi (FARDC), qtil, tortura, stupri u xogħol furzat, bħas-sensiela ta' qtil ta' persuni ċivili fil-belt ta' Kisheshe fid-29 ta' Novembru 2022. Bħala kmandant tal-forzi speċjali tal-RDF stazzjonati fir-reġjun ta' Kivu tat-Tramuntana, Jean Pierre Niragire huwa għalhekk responsabbli biex jipprovdi	28.7.2023

HR(2023) 259
Limited

			appoġġ lill-grupp armat M23/ARC, li jsostni l-kunflitt armat, l-instabbiltà u n-nuqqas ta' sigurtà fir-RDK, b'mod partikolari billi jipprovdu truppi u materjal.	
--	--	--	--	--

B. Entitajiet

"